# IL-KNISJA TA' SANTA MARIJA ASSUNTA FUQ IL-GHOLJA GARIZIM



Mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap

## Il-Muntanja Garizim

Il-muntanja Garizim hija wahda mill-muntanji ghojin tal-Palestina centrali. Tigi fuq in-naha ta' nofs-in-nhar tal-gholja Ebal fejn tissepara ruhha minn wied dejjaq. Mill-hrug li jaghti ghall-Lvant tinsab il-belt importanti ta' Sichem. Il-belt ta' Nablus li issostitiwiet l-antika Sichem illum tinsab fic-centru tal-wied. Il-muntanja Garizim mill-Gharab kienet tissejjah "Gebel el-Trufu" u fil- magguranza taghha hija muntanja kollha blat minghajr hxejjex.(1).
Fil-Bibbja l-muntanja Garizim titfakkar l-ewwel darba b'relazzjoni ta' cerimonja li saret ftit wara tal-pajjiz minn naha tal-Israeliti meta sitt tribu' qaghdu fil-faldita' din il-muntanja biex ihabbru barkiet fuq dawk li harsu l-Ligi t' Alla waqt li tribu' ohra mill-gholja Ebal sehtu l-gejjiena dizobbedjenti. Minn fuq ilsien ta' art tal-muntanja Garizim, Yotam (Iotam) iben Gedeon ghamel elogju ta' canfir kontra t-tradituri ta' Sichem.(2).
Gerizim huwa post l-iktar qaddis tas-Samaritani, setta qadima li iffurmat ruhha mid-dixxenti mill-fdal orginali tal-poplu Lhudi tas-Samaria u poplu migjub lejn r-regjun mill-Assirja wara l-waqa' tas-Saltna ta' Israel fis-sena 721 Q.K. (3).

## Ic-Celebrita' tal-Muntanja Garizim

Garizim hija celebri fuq kollox ghat-tempju xizmatiku, mibni fis-seklu 5 mill-Lhud li hallew Gerusalem biex ma jobdux fuq zwigijiet ma nisa barranin. Antiokju 5 Epifane f'zmien il-persukazzjoni iddedikah lil Zeus Xenios. Gwanni Ircano farku fl-128 Q. K. u qatt izjed ma rega' gie mibni.(4). Qabel il-qerda ta' Gerusalem fis-sena 70 W.K., r-Rumani dawru l-muntanja Garizim u qatlu hemm 11, 600 Samaritan. Qabel it-tieni seklu l-Imperatur Adrianu bena tempju lil Zeus fuq il-fdalijiet ta' tempju Samaritan u bena tarag monumentali bhala access ghalih.(5). Il-muntanja Garezin mhix imsemmija fit-Testemnt il-Gdid, imma s-Samaritana turiha meta qalet lil Gesu': "Missirijietna taw qima fuq din il-muntanja". (Gw.4.20). F'riglejn il-muntanja kien gie mikxuf santwarju ta' Zmien il- Bronz ta' nofs is-seklu 2.(6).

F' glieda bejn is-Samaritani u l-Insara matul is-Seklu 5 l-Imperatur Zeno kecca lis-Samaritani minn fuq il-muntanja Garizim u ordna li tinbena knisja lil Santa Maria bhala omm Alla fl-486. Is-Samaritani kissru din il-knisja imma Gustinjanu wara bena ohra fuq l-istess post u sahhaha (m.530). Din ukoll kienet meqruda fir-rebha tal-Gharab.(7).

## Il-Knisja ta' Santa Maria Omm Alla

Id-dimensjoni tal-knisja huma 30 b' 37.4 metru. Hija mibnija madwar fus centrali u ghandha tmien faccati. Dik li thares lejn il-Lvant tohrog il-barra u tispicca f' arzella. Fid-dahla tal-knisja kien hemm il-portiklu li probabli kien miksi b'cangaturi tal-irham. Tlett dahliet kienu jiehdu fil-knisja dik centrali, u dik centrali ienet ikbar. Mill-portiku d-dahla kienet tmexxik lejn zewg kappelli wahda kull naha. Il-Knisja kellha erba' kappelli, tnejn fuq il-Lvant mal-arzella centrali, u tnejn fuq il-Punent hdejn il-portiku. Il-kappella ghandha ziedha lejn il-korsija tal-knisja.(8).
Bejn iz-zewg kappelli hemm dhul twil u dejjaq ghal knisja. Il-kappelli ta' fuq probabli huma "Prothesis'" il-mejda fuq l-artal fuq in-nofs in-nhar hija d-"Diaconicon" is-Sakristija. Il-hitan li jharsu lejn in-nofs

in-nhar kienu miksija bl-irham fejn instabu hafna minnhom fil-knisja. Fic-centru tal-abside hemm gebla f'ghamla ta' sitt gnub fejn tidher li kien il-battisteru. Id-dimensjoni zghira tieghu hu l-fatt li kien miksi bl-irham jew injam, juri i seta' kien xi relikwarju.(9).

Fin-nofs tal-knisja hemm abside kbira ma livel tal-art. Fil-gnubijiet tal-abside hemm zewg kmamar kwadrati li d-dhul taghhom huwa minbarra l-knisja. Fl-iskavi nstabu muzajk "Tesserae", irham ta' paviment.(10).

## Il-Fdalijiet Arkeologi Tal-Knisja Ta' Santa Marija OMM ALLA (Theotokos)

Fl-eskavazzjoni arkeologika ta' din il-knisja relattivament kienu ftit. Kien instab numru zghir ta' muniti, oggetti tal-fuhhar, rham, muzajk u ceramika. Bhala elementi arkitettinici bhala kolonni, kapitelli Korinti, kapitelli Krocjati dawk kienu nstabu. Fl-eskavazzjoni ta' Schneider sab skrizzjonijiet u mejda ta' altar. Fost is-sejba interessanti kienet sitt skrizzjonijiet imnaqxin fuq il-gebel li kollha kienu f' uzu sekondarju. Zewg skrizzjonijiet wara kienu uzati fl-art bhala paviment, u l-erba' l-ohra instabu fid-debris. Il-bicca l-kbira ta' l-iskrizzjopnijiet kienu ddedikati lin-nies diffeenti. (2).

## Gheluq

Minn din il-kitba wiehed jista' jara l-kult qadim fl-Art Mqaddsa lejn il-Madonna Omm Alla liema kult tghaddih l-istess arkeologija xjenza rikka li turi l-qedem tac-civilta' tal-bniedem.

Riferenzi

1. Enciclopedia Della Bibbia. Terzo Volume. Eq-G.pp. 595,596.
2. L-Istess. p. 596.
3. Tivika Gonen. Biblical Holy Land. An Illustrated Guide. p. 195.
4. L. Mouloubou F.M. Du Buit Dizionario Biblico Storico/Critici .p. 408.
5. The International Standard Bible Encyclopedia. Vol 2. F-J .p. 448.
6. L. Mouloubou F.M. Du Buit Dizionario Biblitico Storico/Critico .p. 408.
7. The International Standard Bible Enclyclopedia Volume Two. E-J .p. 448.
8. G.C. Bottini L. Di Segni Alliate. Christian Archhaelogy in the Holy Land New Discoveries .p. 336.
9. L-Istess .p. 336.
10. L-Istess .p. 336,337
11. L-Istess .p. 340.

Il-Kumitat, is-soci u l-partitarji
tal-Kazin
"Santa Marija"
jifirhu
lill-Kumitat, players u coach
ta'
Ghaxaq F.C.
ghall-promozzjoni fl-1 Divizzjoni
u jixtiequ success fis-season li gej.